**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 133/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Sonia PEVAC**

**Illum, 28 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Marzu 2023 fil-konfront ta' **Sonia PEVAC**, bint Alfred Cachia u Carmen nee` Agius, imwielda fid-19 ta' Ottubru 1977 u residenti 'Aurora', Flat 2, Triq Ħal-Kaprat, Santa Venera, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 495977(M), li ġiet mixlija talli:

   Nhar l-4 ta' Jannar 2021, bejn il-ħinijiet tal-10:00hrs u l-17.00hrs, meta hekk ordnata mill-Qorti, jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil

Aleksandar Pevac għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata (illum l-appellanti) **Sonia PEVAC** ħatja tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tagħha u konsegwentement illiberatha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza.

   Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħatja li kkonfermat li fehmet l-istess.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Sonia PEVAC** appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex "*filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant Sonia Pevac sabiex jogħġobha:*

   1. *Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanta ħatja għal raġunijiet indikati u tilliberaha minn kull imputazzjoni u ħtija skont il-liġi primarjament* ***ghaliex għal dak li jirrigwarda din l-akkuza din il-Qorti diversament preseduta naqset milli taghmel referenza ezatta ghall-akkuza illi biha tressqet l-appellanta, filwaqt li l-Qorti qatt ma setgħet tieħu konjizzjoni tax-xhieda tal-parte civile għaliex naqas milli jsemmi data, ħin u lok fejn u meta ġara dan l-inċident. Ukoll għaliex l-appellanta qatt ma naqqset milli tagħti aċċess lil parte ċivile hekk kif allegat****.*

   2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li m'għandiex tilqa' l-ewwel talba* ***ALTERNATTIVAMENT tirriforma l-parti tas-sentenza***

***konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi dan il-każ.***"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi l-partijiet trattaw dan l-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar id-29 ta' Awwissu 2023. Fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, fit-8 ta' Jannar 2024, wara li ġiet sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jistrieħu fuq it-trattazzjoni tagħhom quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, u illi ma kellhomx xi jżidu.

## E. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar il-5 ta' Jannar 2021, għall-ħabta tal-4.00 p.m., Aleksandar Pevac irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija illi fil-jum ta' qabel, ossia nhar l-4 ta' Jannar 2021, huwa kellu jeżerċita l-aċċess għaż-żewġt uliedu, Jagoda ta' tmien snin, u Jelena ta' tlettax-il sena, mit-3.00 p.m. sas-6.00 p.m., u dan skont digriet tal-Qorti datat 27 ta' Ottubru 2020, li jgħid illi l-partijiet kienu qed jiftehmu illi l-aċċess kellu jiġi eżerċitat nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis, bejn it-3.00 p.m. u s-6.00 p.m. u s-Sibt mill-10:00 a.m. sal-5.00 p.m. Huwa rrapporta illi dakinhar uliedu ma riedux imorru miegħu. Skont Pevac, huwa bagħat messaġġ lil Sonia PEVAC, l-appellanti, fis-2.37 p.m., illi kien se jitlaq sabiex jiġbor lit-tfal, u fit-2.49 p.m., huwa bagħtilha messaġġ ieħor li kien qiegħed barra l-appartament tagħha f'Santa Venera. Irrapporta wkoll illi t-tfal niżlu isfel, iżda ma riedux imorru miegħu u huwa telaq għall-ħabta tat-3.30 p.m.

6. Jirriżulta in oltre illi PEVAC ġiet mitkellma mill-Pulizija Eżekuttiva ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun fl-10 ta' Frar 2021, wara li ngħatat id-dritt għall-assistenza legali, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx, u ffirmat dikjarazzjoni f'dan is-sens. Mitluba tagħti l-verżjoni tagħha dwar il-jum in kwistjoni (liema jum m'huwiex indikat fl-affidavit, għalkemm dan jagħmel referenza għar-rapport 7/P/491/2021, liema rapport jirreferi

proprju għar-rapport ta' Pevac tal-5 ta' Jannar 2021), hija stqarret illi t-tfal niżlu isfel bħas-soltu, u t-tnejn tkellmu ma' missierhom, iżda qalulu li ma riedux imorru miegħu, b'dan għalhekk illi it-tnejn reġgħu telgħu lura fir-residenza. Hija rreferiet għall-messaġġ li ntbagħat lilha minn Aleksandar Pevac fl-4 ta' Frar 2021, fl-9.57 p.m., fejn qalilha sabiex tipprepara lit-tfal għaliex kien sejjer fit-3.00 p.m., u stqarret u wriet illi ma kienet irċeviet l-ebda messaġġ ieħor mingħand Pevac. Hija ġiet infurmata li kienu se jinħarġu l-akkużi fil-konfront tagħha.[1]

7. Illi sussegwentement, a bażi ta' dan ir-rapport, il-Pulizija ħarġet iċ-ċitazzjoni odjerna fil-konfront tal-appellanti PEVAC u nhar l-20 ta' Ottubru 2021, inbdew il-proċeduri kontra tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Kif ingħad, hija nstabet ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, permezz tas-sentenza appellata.

8. Illi l-gravam prinċipali sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti jittratta l-apprezzament żbaljat tal-provi kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu l-appellanti PEVAC issostni li hija qatt ma fixklet lill-parte civile fl-eżerċizzju tal-aċċess tiegħu għal uliedu minuri. Issostni l-appellanti illi l-parte civile qatt ma kien iqatta' iżjed minn ftit minuti ma' wliedu. Skont l-appellanti, minkejja illi l-parte civile jallega illi dan ġara minħabba atteġġjament negattiv fil-konfront tiegħu minn uliedu, u r-rifjut da parti tagħhom li jmorru miegħu, dan ma ġiex ippruvat mill-Prosekuzzjoni jew minn Aleksandar Pevac. L-appellanti ssostni li hija qatt ma ċaħdet dan l-aċċess u illi għamlet il-parti tagħha sabiex l-aċċess jingħata u illi fiċ-ċirkostanzi ma setgħetx tagħmel iżjed milli fil-fatt kienet għamlet. Skont l-istess appellanti, dak li hija għamlet fir-rigward kien suffiċjenti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sabiex jista' jingħad illi l-aċċess ingħata lill-parte civile. Semmai kienu l-ulied illi ma kinux qed jikkomunikaw miegħu, jew illi ma kinux qed imorru miegħu, jew jirritornaw lura għand ommhom f'temp ta' ftit minuti, b'dan għalhekk illi l-ewwel Qorti ma setgħetx issib lill-istess appellanti ħatja, meta din kienet tibgħat lil uliedha għall-aċċess u lanqas ma kienet tkun preżenti jew tipprova tindaħal waqt dan l-aċċess. L-appellanti tilmenta wkoll mill-fatt illi t-tfal tagħhom Jelena u Jagoda Pevac qatt ma ttellgħu sabiex jixhdu

[1] Ara l-affidavit ta' WPS 1261 I. Galea, a fol. 17 u 18 tal-proċess.

f'dawn il-proċeduri, sabiex jikkonfermaw o meno dak li sostna l-parte civile. Hija tagħmel ukoll referenza għall-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati[2], f'sitwazzjonijiet fejn mill-provi rriżulta illi kienu l-ulied li kienu qegħdin jirrifjutaw li jmorru għall-aċċess mal-missier, b'dan għalhekk illi r-rifjut għall-aċċess ma kienx deċiżjoni tal-omm, u għaldaqstant, hija ssostni li bħal f'dawn il-każijiet, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tikkunsidra li d-deċizjoni allura ma kinitx tagħha, iżda ta' wliedha biss. In oltre skont l-appellanti, kien il-parte civile illi da parti tiegħu m'għamilx l-isforzi tiegħu sabiex il-minuri jmorru miegħu għall-aċċess.

9. Illi din il-Qorti tibda billi tfakkar li l-prinċipju regolatur imħaddan fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jibqa' dejjem dak li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-ewwel Qorti, kemm il-darba dik il-Qorti setgħet raġonevolement u legalment tasal għal dik il-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Illi fir-rigward, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[3]

[2] **Il-Pulizija vs Nathaline Vella** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru 2011 u **Il-Pulizija vs Angiolina Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2007.

[3] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**,

10. Illi qabel xejn, din il-Qorti se tindirizza żewġ punti ssollevati mill-appellanti PEVAC fir-rikors tagħha. Fl-ewwel lok, hija tilmenta illi fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel referenza preċiża għall-imputazzjoni li hija ġiet mixlija biha u dan peress illi naqset milli tirreferi għall-ħin li għalih tirreferi l-imputazzjoni u ċioe` "*bejn il-hinijiet ta l-10:00 Hrs u il-17:00 Hrs*" u għalhekk skont l-istess appellanti "*is-sentenza ... hija mankanti minn wahda mill-bazi taghha*".

11. Fir-rigward din il-Qorti tifhem illi l-appellanti qed tattakka l-validita` tas-sentenza appellata. Jiġi rilevat illi huwa minnu illi meta l-ewwel Qorti ġiet biex tirriproduċi l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti fis-sentenza tagħha, hija niżlet biss id-data li għaliha tirreferi l-istess imputazzjoni, ossia l-4 ta' Jannar 2021, mingħajr referenza għall-ħin. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jissarrafx f'nuqqas ta' dawk il-formalitajiet sostanzjali li trid il-liġi fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u li jwassal sabiex tiġi dikjarata nulla s-sentenza appellata. Din il-Qorti tinnota illi s-sentenza tirreferi għall-fatti li tagħhom l-appellanti ġiet misjuba ħatja. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fejn l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għall-'fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati', ir-referenza hija għar-reati li tagħhom l-imputat ikun instab ħati.[4] F'dan il-każ, m'hemmx dubju illi l-ewwel Qorti għamlet referenza għar-reat in kwistjoni, kif għamlet referenza wkoll għad-data li għalih kien jirreferi r-reat li ġiet mixlija bih l-appellanti u li tiegħu nstabet ħatja, b'dan ukoll illi minkejja li ma rreferietx speċifikatament għall-ħin li jinsab indikat fiċ-ċitazzjoni, huwa evidenti wkoll mill-kunsiderazzjonijiet tagħha fis-sentenza appellata illi l-ħinijiet kienu dawk li fih kellu jiġi eżerċitat l-aċċess in kwistjoni mill-parte civile fit-termini tad-digriet tal-Qorti. Għaldaqstant, dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

12. Illi l-appellanti PEVAC tilmenta wkoll illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tieħu konjizzjoni tax-xhieda tal-parte civile għaliex dan naqas

7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara **Il-Pulizija vs Mariella Caruana** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-15 ta' Diċembru 2010.

milli jsemmi data, ħin u lok partikolari għal dak li jirrigwarda l-inċident li fih huwa allegatament ma ngħatax aċċess għal uliedu. Minn ħarsa lejn ix-xhieda tal-parte civile, Aleksandar Pevac, jirriżulta ċar li huwa fil-bidu nett tax-xhieda tiegħu, li mit-traskrizzjoni tal-istess xhieda jirriżulta illi din kellha tgħodd għall-każijiet kollha li kienu qed jinstemgħu kontestwalment quddiem l-ewwel Qorti kontra l-appellanti tal-lum, ġie stradat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex jixhed relattivament għal dawk l-episodji li seħħew fil-parametri temporali tar-rapporti minnu magħmula, bl-istess Qorti tirreferi speċifikatament għad-dati li jibdew mit-23 ta' Ottubru 2020 sat-22 ta' Frar 2021. In kwantu għal-lok li fih seħħ l-istess inċident, il-parte civile kien ċar fix-xhieda tiegħu meta dan jgħid kif huwa kien imur jiġbor lit-tfal tiegħu fl-indirizz fejn dawn kienu jirrisjedu ma' ommhom. Huwa jixhed kif meta kien imur għalihom "*they would come downstairs, they live on the second floor and they will come downstairs*."[5] Dan ifisser illi l-episodju mertu tal-kawża in kwistjoni seħħ barra mir-residenza tal-appellanti, liema fatt tikkonfermah ukoll l-appellanti PEVAC fix-xhieda tagħha, meta din tixhed illi t-tfal kienu jiltaqgħu mal-missier billi jinżlu mir-residenza tagħha mit-taraġ tal-komun u mbagħad kienu jikkomunikaw ma' missierhom fuq il-bankina, hekk kif huma qatt ma daħlu fil-karozza misjuqa mill-missier u telqu minn fuq il-post.

13. Għal dak li jirrigwarda l-partikolarita` tal-ħin, jingħad illi l-parte civile esebixxa d-digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), li permezz tiegħu huwa kellu jingħata aċċess għal uliedu fil-jiem u fil-ħinijiet stabbiliti fl-istess digriet (u dan bi ftehim bejn il-partijiet).[6] Mix-xhieda ta' Aleksandar Pevac[7] jirriżulta b'mod ċar illi din ix-xhieda tiegħu tirreferi għal dak li kien iseħħ waqt il-ħinijiet tal-aċċess, skont il-ġranet kif iffissati mill-imsemmi digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

14. Illi din il-Qorti tirrileva illi kuntrarjament għal dak li tgħid l-appellanti, l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn ma tieħux konjizzjoni tax-xhieda tal-parte civile. Semmai, kif fil-fatt għamlet, il-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din ix-xhieda u sussegwentement tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha sabiex

[5] A fol. 9 tal-atti proċesswali.
[6] Ara Dok. AP, a fol. 22 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 6 tal-proċess.

tiddeċiedi jekk, fid-dawl ta' dik ix-xhieda u tal-provi prodotti in atti, tirriżultax o meno l-imputazzjoni miġjuba kontra l-istess appellanti, fil-parametri tad-data u l-ħin li għalihom tirreferi speċifikatament tali imputazzjoni. Din il-Qorti żżid illi tant sar dan l-eżerċizzju mill-ewwel Qorti illi wara li qieset illi l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellanti tirreferi għall-4 ta' Jannar 2021, u wara illi kkunsidrat il-provi mressqa, ddeċidiet hekk:

> Għal dak li jirrigwarda d-data tal-kawża in mertu, jidher li l-parte ċivile kkonferma din id-data permezz tal-pendrive eżebit minnu li jikkonferma din bħala waħda mid-dati reġistrati fejn seħħ dak allegat minnu, u fejn allura ser tinstab ħtija vis-a-vs data waħda mill-imputazzjoni miġjuba.

15. B'dan għalhekk illi wara li kkunsidrat il-provi kollha mressqa, inkluż ix-xhieda tal-parte civili u l-*pendrive* esebit minnu, l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellanti in kwantu d-data li tirreferi għaliha l-imputazzjoni odjerna, bl-ewwel Qorti tqis ukoll fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, illi l-parte civile kien jittenta jeżerċita l-aċċess fit-termini tad-digriet tal-Qorti. Wara li din il-Qorti stess rat il-filmat li jirreferi għall-4 ta' Jannar 2021 fil-ħin tat-3.00 p.m., fil-*pendrive* esebit mill-parte civile, jirriżulta ċar illi l-istess parte civile ittenta li jeżerċita l-aċċess għal uliedu dakinhar billi mar ħdejn ir-residenza tal-omm, b'dan illi finalment it-tfal spiċċaw ma telqux miegħu. Fl-istess filmat, it-tfal jidhru ħerġin mir-residenza, jimxu lejn il-karozza ta' missierhom, li jistaqsihom humiex se jmorru, bit-tfal iwieġbu fin-negattiv, u jistaqsihom għaliex ma jridux imorru. Jidher ibus lit-tifla ż-żgħira, u jkompli jitkellem magħhom, għalkemm il-kliem ma jinstemax. Jilgħab maż-żgħira u jgħannaqha, ikompli jkellimha bil-kliem ma jinstemax, u għal xi ħin ma jidhrux fil-viżwal tal-kamera għalkemm il-missier jinstema' jitkellem mat-tfal. Wara ftit jidher jilgħab maż-żgħira, li tiġri warajh, u jkomplu jilagħbu, bil-kbira tħares lejhom. Ikompli jilgħab maż-żgħira, li tidher tidħak u tieħu gost, jilgħab ukoll mal-kbira, jgħannaq liż-żgħira u jkompli jkellimha, jerġa' jilgħab magħha, jgħannaqha, jgħannaq lill-kbira, u t-tfal jidħlu lura fir-residenza fit-3.08 p.m.

16. Illi fil-mertu, l-appellanti u l-parte civile jaqblu illi meta l-istess parte civile jipprova jeżerċita l-aċċess tiegħu għall-minuri, dawn jinżlu mir-

residenza ta' ommhom, jagħmlu ftit minuti ħdejh, iżda wara ftit jerġgħu jitilgħu fl-istess residenza. Huwa dan li wassal lill-parte civile sabiex jirrapporta illi huwa m'huwiex jeżerċita l-aċċess tiegħu għall-minuri b'mod effettiv, u dan meta fi żminijiet preċedenti huwa ma kienx ikollu dawn il-problemi mal-minuri. Fejn ma jaqblux il-partijiet huwa li min-naħa waħda, il-parte civile jgħid illi dan huwa tort tal-omm li qed timmanipula lill-minuri, fil-waqt illi l-appellanti tgħid illi hija tagħti aċċess lill-missier għal uliedhom, illi da parti tagħha hija tagħmel dak li tista' sabiex huma jmorru miegħu għall-aċċess u anke tikkonvinċihom sabiex jinżlu isfel ħdejh, iżda huma l-minuri stess li ma jkunux iridu jmorru ma' missierhom, stante illi miegħu ma jħossuhomx komdi u siguri.

17. Illi l-Artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –
>
> ...
>
> (ll) meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa

18. Illi skont ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna fir-rigward, il-persuna li jkollha l-kustodja tal-ulied għandha obbligu pożittiv li tagħti aċċess għall-istess ulied lill-parti l-oħra, u illi tassikura li dan l-aċċess iseħħ b'mod fiżikament effettiv, skont il-kundizzjonijiet iffissati fil-kuntratt li jirregola l-aċċess jew b'digriet ta' Qorti. Fin-nuqqas li dan isir, tali persuna tkun passibbli għall-proċeduri kriminali fit-termini tal-Artikolu 338 (ll) fuq ċitat, u dan sakemm hija ma jirnexxilhiex turi illi kien hemm raġuni valida għaliex ma setgħetx tagħti dak l-aċċess. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diverament preseduta, tas-17 ta' Ġunju 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gertrude Zammit** (Appell Numru 403/2014), li għaliha għamlet referenza wkoll l-ewwel Qorti, f'liema sentenza saret ukoll referenza għal sentenzi oħrajn tal-istess Qorti, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Isabelle Cilia** tas-17 ta' Frar 2005 u **Il-Pulizija vs Natasha Theuma** tat-8 ta' Ġunju 2007:

**10.** Huwa minnu illi l-appellanti bagħtet lit-tifla għall-aċċess u għalhekk, *on the face of it*, jidher li "tat" l-aċċess. Iżda dak l-għoti ta' aċċess ma kienx wieħed effettiv. Ma taqbel xejn mal-pretensjoni ta' l-appellanti illi kellu jkun in-nannu li jieħu l-passi meħtieġa biex jassigura li t-tifla tidħol fil-karozza tiegħu billi jerfagħha u jdaħħalha fil-karozza, anke kontra l-volonta` tagħha. Kieku għamel hekk, probabilment kien jiġi ffaċċjat b'rapport lill-Pulizija mill-appellanti. Naturalment seta' jipprova jipperswadiha tmur miegħu, u ma tantx jidher li kien jagħmel xi sforzi partikolari biex jagħmel hekk. <u>**L-obbligu, pero`, kien fuq l-appellanti**</u>**.** (enfasi ta' din il-Qorti)

**11.** Din il-Qorti sejra tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Natasha Theuma** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Gunju 2007 fejn ingħad:

**"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li jinghad fis-sentenza appellata, anke fuq l-iskorta ta' sentenza ta' din il-Qorti (Qorti ta' l-Appell Kriminali), diversament komposta, tas-17 ta' Frar 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Isabelle Cilia, fis-sens li l-paragrafu (ll) in dizamina jimporta element ta'** ***positive obligation*** **da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri. Fi kliem iehor, ma hux bizzejjed li dak li jkun ma jfixkilx l-access tal-parti l-ohra (fil-kaz in dizamina, tar-ragel) izda hemm ukoll l-obbligu li l-parti li jkollha l-kura u l-kustodja "<u>taghti</u> access", espressjoni li timplika, fil-kazijiet kongruwi, li min ikollu l-kura u l-kustodja ghandu fizikament jikkonsenja il-wild lill-parti l-ohra. Fil-kaz Cilia,** ***supra,*** **gie ritenut li r-rifjut ta' tifel ta' ghaxar snin li jmur ghand missieru, probabbilment ghax kien jara lil ommu tibki u ghalhekk b'sens ta' lealta` lejha ma kienx irid imur ghand missieru, ma kienx jezonera lill-omm milli fizikament tikkonsenja lil dan it-tifel lill-missier. Kif inghad f'dik is-sentenza, l-ordni tal-qorti civili kompetenti kellu jigi rispettat u osservat** ***ad unguem*** **u ma setax** ***"…jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikulta` biex jigi konsenjat fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda tieghu, mill-omm lill-missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-qorti.*****"**

**Jizdied jinghad li kieku din il-Qorti ma kellhiex tinsisti fuq l-osservanza skrupoluza tal-ordni tal-qorti civili kompetenti, ikun ferm facli ghal min ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri li taht l-icken pretest jevita l-obbligu tieghu li "jaghti access"; ikun ukoll facli li dan l-obbligu jigi eluz billi, kif sfortunatament spiss jigri, it-tfal jigu manipulati, direttament jew indirettament, bi kliem, gesti jew anke b'semplici atteggjament da parti ta' min ikollu l-kura u l-kustodja biex dawn "jirrifjutaw" li jmorru mal-parti l-ohra. Mill-banda l-ohra wiehed ma jridx jinsa wkoll li anke t-tfal jistghu jippruvaw jisfruttaw u jimmanipulaw is-sitwazzjoni, hafna drabi ta' tensjoni u pika, li jkunu jinsabu fiha l-genituri, a beneficcju taghhom, u dak li jkunu "jridu" jew "jixtiequ" it-tfal ma hux necessarjament fl-interess veru taghhom."**

12. Fil-fehma ta' din il-Qorti, in-nuqqas li tirravviża da parti ta' l-appellanti kien in-nuqqas tagħha li tħeġġeġ lil bintha (li, jiġi ribadit, kellha biss erba' snin) tmur ma' nannuha (għalkemm hi tgħid li kienet tinżel magħha biex tħeġġiġha tmur, ħaġa miċħuda minn Joseph Zammit). Din il-Qorti tinterpreta tali nuqqas bħala r-rieda tagħha li bintha ma tmurx għall-aċċess. Kieku verament riedet lil bintha tmur għall-aċċess, kienet tipprova tipperswadiha, u jekk it-tifla tibqa' tippersisti fir-rifjut tagħha, hi stess tinforma minnufih lill-Pulizija u mill-aktar fis lill-Qorti. Wara kollox, hi stess xehdet illi fl-aħħar, sabiex tipperswadi lit-tifla tmur, kellha tgħidilha li "jekk ma tmurx ħa nidħol il-ħabs". U jidher li dan kellu l-effett mixtieq. Jiġifieri mhuwiex suffiċjenti li hija kienet tipprepara lil bintha biex tmur għall-aċċess flimkien ma' ħuha minorenni wkoll (fil-każ tat-tifel ma kienx hemm problemi), iżda kellha tara li l-għoti ta' l-aċċess kien wieħed effettiv billi tuża l-arma tal-persważjoni.

Għalhekk, m'huwhiex biżżejjed għal fini tal-liġi, illi l-persuna li għandha l-kustodja tal-wild tidher li ma tkunx qegħda fiżikament timpedixxi li jingħata l-aċċess, iżda dak li tirrikjedi l-liġi, bl-użu tal-espressjoni 'tagħti aċċess' huwa illi jsir dak kollu li huwa possibbli fil-limiti tal-buon sens sabiex dan l-aċċess iseħħ u jkun effettiv, skond it-termini kif miftehma jew skont l-ordni tal-Qorti.

19. Jingħad illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tad-19 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Nathaline Vella</u>** (Appell Nru. 173/2011), li għaliha tagħmel referenza l-appellanti fir-rikors tagħha, il-Qorti lliberat lill-appellanti mir-reat taħt l-Artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali, u dan għaliex mix-xhieda ta' binha ta' sittax-il sena, kien jirriżulta ċar illi r-rifjut għall-aċċess ma kinitx deċiżjoni tal-appellanti ommu, iżda tiegħu biss. In oltre tenut kont tal-istatura tal-minuri, l-omm ma setgħetx, lanqas fiżikament, iġġiegħel lil binha jmur ma' missieru jekk dan kien qiegħed jirrifjuta. F'dan il-każ, il-Qorti qieset illi mhux talli ma rriżultax illi kienet l-appellanti li naqset milli tibgħat lil binha jew tħallih imur għand missieru, iżda hija kienet fl-impossibilita` fiżika li twettaq l-obbligu tagħha li timponi dan fuq binha. Dik il-Qorti in oltre kkunsidrat ukoll illi "*Il-posizzjoni ta' Redeemer Vella hi sahansitra riflessa fil-minuta ta' abbozz ta' kuntratt redatt mill-avukat tal-missier, fejn qieghed jigi propost li jithalla f'idejn l-istess Redeemer Vella "biex jiddetermina hu meta u jekk iridx jikkomunika, javvicina jew jara lil missieru"*"; ċirkostanzi dawn li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk li jirriżultaw fil-każ odjern.

20. Imbagħad, fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 ta' Settembru 2007, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Angiolina Schembri</u>** (Kawża Nru. 522/2007), li wkoll għamlet referenza għaliha l-appellanti fir-rikors tagħha, kien irriżulta ċar lill-Qorti illi l-omm ma kinitx qegħda ċċaħħad lill-missier mill-aċċess għal ibnu, iżda li kien it-tifel li kien qed jirrifjuta li jmur għall-aċċess minħabba relazzjonijiet ħżiena li kienu jeżistu bejn il-missier u l-iben, stante illi dan allega li missieru keċċieh.

21. Illi l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-każ odjern. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-appellanti PEVAC ma jirriżultax illi għamlet xi sforz sostanzjali sabiex ma ċċaħħadx lill-parte civile minn uliedhom, ta' ċirka tlettax-il sena u seba' snin rispettivament, fil-ġranet u l-ħinijiet iffissati għall-aċċess skont id-digriet tal-Qorti Ċivili. Kif qalet l-ewwel Qorti, għalkemm hija dejjem bagħtet lill-minuri għall-aċċess ma' missierhom, fatt dan li ġie kkonfermat minnu wkoll, minn kliemha stess jirriżulta illi hija ma ħassitx illi kellha xi obbligu ieħor oltre l-konsenja fiżika tal-ulied lil missierhom, illi tintervjeni jew tagħmel sforz ulterjuri sabiex taċċerta

ruħha illi l-aċċess lill-missier jingħata b'mod effettiv u illi l-ulied imorru għall-aċċess ma' missierhom. Tixhed illi da parti tagħha, hija dejjem tipprepara lil uliedha biex imorru mal-missier u tibgħathom isfel fil-ġranet u fil-ħinijiet tal-aċċess, b'dan illi għaliha dan ifisser illi "*from my end I do everything*"[8]. Għalkemm tgħid ukoll illi hija kienet tikkonvinċihom sabiex jinżlu isfel ħdejn missierhom, għaliex huma ma kinux iridu jmorru miegħu, oltre minn hekk tgħid ukoll illi "*So I don't think I can do much more*"[9], kif ukoll in kontro-eżami, illi "*I don't believe that that is my role to push the kids*"[10] u iżjed tard "*I don't think that it's my role that I come push them inside the car.*"[11] Jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti, bħal ma rriżulta wkoll lill-ewwel Qorti qabilha, illi għalkemm l-appellanti tgħid illi kienet tikkonvinċi lil uliedha sabiex jinżlu isfel ħdejn missierhom, meta dan jiġi sabiex jeżerċita l-aċċess, hija kien jidhrilha illi ma kellha tagħmel xejn iżjed minn dan, lanqas illi tipprova tikkonvinċihom sabiex fil-fatt imorru miegħu jew illi jqattgħu l-ħin intier tal-aċċess ma' missierhom, lil hinn mill-blokka tar-residenza tagħha. In oltre minkejja li l-appellanti tgħid illi l-minuri kienu jkunu anzjużi qabel ma jiltaqgħu ma' missierhom u li ma kinux iħossuhom komdi u siguri miegħu, ma jirriżultax illi hija qatt approfondiet id-diskors ma' wliedha dwar ir-raġuni għal dan, u xehdet ukoll illi qatt ma għamlet rapporti fil-konfront tiegħu. Tixhed biss illi l-Qorti l-oħra, preżubbilment il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) appuntat psikologa tat-tfal u terapista tal-familja, kif ukoll illi f'okkażjoni minnhom it-tifla l-kbira qalet lill-Pulizija illi missierha kien jgħajjat u skont hi, allura t-tfal ma kinux ikunu jridu jmorru fil-karozza miegħu għaliex ma jkunux jafu l-burdata tiegħu. Mix-xhieda tal-appellanti, din il-Qorti ma tqisx illi l-istess appellanti kellha r-rieda li tipperswadihom bil-kelma t-tajba sabiex iqattgħu ħin ma' missierhom waqt il-ħin tal-aċċess, tant illi in kwantu l-perjodu ta' żmien li dwaru xehed il-parte civile, jirriżulta illi t-tfal qatt ma telqu minn fuq il-post ma' missierhom, iżda dejjem irritornaw lura ġewwa r-residenza ta' ommhom wara ftit tal-ħin; fatt dan illi ġie kkonfermat ukoll mill-appellanti. Għalhekk, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, l-appellanti "*qatt m'għamlet sforzi ulterjuri sabiex tipperswadi lil uliedha li jmorru għall-aċċess kif jixraq ma' missierhom u filwaqt illi jista' jiġi argumentat li l-parte ċivile messu għamel aktar sforz sabiex jieħu lil uliedu hu u li*

[8] Ara paġna 5 tax-xhieda ta' Sonia Pevac, a fol. 30A tal-proċess.
[9] Paġna 11 tax-xhieda ta' Sonia Pevac.
[10] Paġna 15 tax-xhieda ta' Sonia Pevac.
[11] Paġna 16 tax-xhieda ta' Sonia Pevac.

*allura l-imputata ma setgħatx tintervjeni mod jew ieħor, l-obbligu li taċċerta li l-aċċess jingħata b'mod effettiv kien fuq il-parte ċivile de minimis fir-rigward ta' l-iżgħar bint.*" Din il-Qorti tosserva illi fil-filmat li jġib id-data tal-imputazzjoni odjerna, il-bint iż-żgħira tidher responsiva ferm lejn missierha, filwaqt illi l-bint il-kbira, għalkemm ferm inqas responsiva lejn missierha minn oħtha, f'mument minnhom tidher ukoll tilgħab miegħu.

22. Irid jingħad ukoll illi minkejja illi l-appellanti tilmenta illi wliedha ma xehdux f'dawn il-proċeduri sabiex jikkonfermaw ix-xhieda ta' missierhom, apparti illi jirriżulta inkontestat mix-xhieda tal-partijiet illi l-minuri jqattgħu biss ftit tal-ħin ma' missierhom waqt il-ħinijiet tal-aċċess, bl-appellanti stess tixhed illi wliedha ma jkunux iridu jibqgħu miegħu, l-istess appellanti kellha kull opportunita` li ttella' lill-minuri sabiex jixhdu quddiem l-ewwel Qorti jekk kemm il-darba kien jidhrilha li dan kien opportun sabiex tissostanzja l-posizzjoni tagħha.

23. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi jirriżulta ppruvat sal-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali, illi l-appellanti PEVAC naqset mill-obbligu tagħha li tagħti aċċess lil missier uliedha għall-ulied minuri, li kienu taħt il-kustodja tagħha, u dan mingħajr ma hija pprovdiet raġuni xierqa fir-rigward. Lanqas ma jirriżulta li hija qatt ippruvat, bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, li tadixxi lill-Qorti Ċivili, sabiex tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan id-digriet, kemm il-darba hija ħasset li kien hemm raġuni valida sabiex jiġu riveduti t-termini tal-aċċess. Għaldaqstant, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u qegħda għalhekk tiċħad l-aggravju tal-appellanti.

24. Illi in kwantu l-appellanti titlob ir-riforma tas-sentenza appellata u dan fir-rigward tal-piena erogata mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota illi l-appellanti mkien fil-korp tar-rikors tal-appell ma qajmet xi aggravju li jagħti r-raġunijiet għaliex din il-Qorti għandha minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif titlob fit-talba finali tagħha. Fir-rigward, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti applikat fil-konfront tal-appellanti, l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u illiberatha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mid-

data tas-sentenza, u dan wara li kkunsidrat illi l-ulied jabitaw mal-istess appellanti u illi għalhekk kien aktar għaqli illi hija ma tingħatax piena karċerarja effettiva stante illi fil-prattika, din tista' toħloq iżjed xkiel milli ġid, u dan partikolarment in kwantu l-interessi tal-istess ulied. Fit-termini tal-Artikolu 7 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellanti setgħet tingħata piena ta' detenzjoni, ammenda jew iċ-ċanfira jew it-twiddiba, u għalhekk fit-termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446, la darba r-reat odjern m'huwiex reat punibbli biss b'multa jew ammenda, l-ewwel Qorti setgħet tapplika l-d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kif fil-fatt għamlet. Għalhekk la darba l-piena erogata hija fil-parametri tal-liġi u lanqas ma tirriżulta manifestament eċċessiva, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha tvarja s-sentenza appellata fir-rigward.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell ta' **Sonia PEVAC** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-appellanti, bi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba hija tikkommetti reat matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**